MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1787/2001/1

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Jannar 1974 (Dok B) u minn dana z-zwieg huma kellhom hamest itfal, fosthom zewgt itfal maggorenni li jisimhom Joseph u Audrey izda bi bzonnijiet specjali, kif jidher fic-certifikati hawn annessi u mmarkati Dok F u G rispettivament, li ghandhom 21 u 18-il sena rispettivament (Dok E), u t-tlieta ghadhom jghixu ma' ommhom l-attrici;

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ ghandhiex aktar possibli minhabba sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Billi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’ dan is-sens moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili (Dok A).

Jghid l-istess konvenut ghaliex m’ ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal fuq imsemmija tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija fuq tlett itfal, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta’ l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut liema somma tkun tista’ tkun konvertita f’ sehem ta’ proprjeta’ presentement taz-zewg partijiet;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

6. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-kommunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, inter alia, tad-dati ta’ l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tordna illi d-dar konjugali tigi okkupata esklussivament mill-attrici flimkien mat-tfal fuq imsemmija, u dana bl-eskluzjoni tal-konvenut mill-istess dar;

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti, kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Ghal kull buon fini, il-konvenut illi ma giex notifikat bic-citazzjoni, qieghed jaghti ruhu b’ notifikat u minhabba l-interess guridiku tieghu, qieghed jipprezenta din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet.

2. Preliminarjament ic-citazzjoni hija nulla ghall-finijiet kollha tal-Ligi stante illi hija nieqsa minn rekwiziti illi jimponi l-Arikolu 156(3) tal-Kap. 12.

3. Fil-mertu, ma jezistux ragunijiet sufficjenti bil-Ligi ai termini ta’ l-Artikoli 39, 40, 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex tinghata s-separazzjoni personali.

4. Fl-ewwel lok, fil-mertu, l-allegazzjonijiet tal-attrici a rigward is-sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut huma ghal kollox infondati, frivoli u vessatorji. Inoltre l-firda bejn il-kontendenti ma hijiex imputabbli bl-ebda mod ghall-konvenut. Kuntrarjament kien il-konvenut illi soffra krudelta’, sevizzi u ingurji gravi illi wasslu sabiex hu kellu johrog mid-dar.

5. Fit-tieni lok, l-attrici irrendiet ruhha hatja ta’ influwenza negattiva tat-tfal lejn il-konvenut, liema agir ippeggora r-relazzjoni bejn il-kontendenti u wassal ghall-firda taghhom kif ukoll naqset milli taqdi l-obbligazzjonijiet matrimonjali taghha.

6. Fit-tielet lok, il-konvenut ibati minn kundizzjoni serja f’ idejh u ghalhekk ma jistax jahdem is-sengha tieghu, u m’ ghandhux ikun ikkundannat ihallas l-ebda retta alimentarja.

7. Fir-raba’ lok, il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta, id-dar matrimonjali ghandha tinbiegh, u ghandu jinqasam ir-rikavat.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-Perit Mario Cassar minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess, fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Minn naha tieghu l-konvenut, wara li ssolleva eccezzjoni ta’ natura preliminari bazata fuq id-dispost ta’ l-artikolu 156[3] tal-Kap.12, qed jichad l-allegazzjonijiet attrici, jew li jezistu ragunijiet sufficjenti fit-termini ta’ “l-artikoli 39, 40 u 41 tal-Kap.16 sabiex tinghata s-separazzjoni personali.” Fl-istess nota huwa jakkuza lill-attrici b’ agir abusiv fil-konfront tieghu konsistenti f’ sevizzi u ingurji gravi, kif ukoll tixwix ta’ uliedhom kontra tieghu. Jsostni li martu naqset milli “taqdi l-obbligazzjonijiet matrimonjali taghha”. Apparti minnhekk isostni li minhabba l-kondizzjoni medika li jsofri minnha, huwa ma jistax jahdem u ghalhekk m’ ghandux jigi kkundannat ihallas manteniment.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta nkontestat li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta’ Jannar 1974 u minn dan iz-zwieg twieldu hamest-it tfal li llum huma kollha maggjorenni. Sfortunatament il-partijiet raw hafna mrar fiz-zwieg taghhom partikolarment fejn jidhlu t-tfal taghhom; ghax l-ewwel wild miet b’ kawza ta’ overdose ta’ droga meta kien ghad kellu 17 – il sena, filwaqt li t-tielet u r-raba wild twieldu b’ dizabilita’ u ghadhom jghixu fid-dar matrimonjali ma’ ommhom l-attrici. Jinghad ukoll li l-attrici kienet iddonat kilwa lit-tifla taghha, ir-raba wild taghhom, sabiex issalvalha hajjitha.

Illi fis-sena 1987 il-partijiet xtraw bicca art fl-ahrax tal-Mellieha li fuqha l-konvenut bena boathouse mdaqqsa u fejn beda jqatta’ perijodi ta’ zmien wahdu l-boghod mill-familja tieghu. Fit-8 ta’ Settembru tas-sena 2000 il-partijiet isseparaw de facto, u l-konvenut mar joqghod f’ garage li l-partijiet ghandhom gewwa Birkirkara.

*Versjoni attrici*

Illi basikament il-versjoni attrici hija fis-sens li l-konvenut kien ghal zmien twil ittraskura lill-familja tieghu, u l-attrici tghid li “la kien jimpurtah mit-tfal, u aktar u aktar, minni”. Kien ihalli lill-attrici tfendi ghar-rasha, anke meta kienet tqila, b’ mod li r-responsabbilita’ u l-piz tat-tfal waqa’ kollu fuqha. L-attrici tghid li konvenut kien naqas milli jattendi ghal Precett u l-Grizma ta’ xi whud minn uliedhom, kien jghajjarhom bil-mankament taghhom, u meta ta’ spiss kien jodhol id-dar xurban wara li kien jigi mill-Kazin huwa kien ikun aggressiv u abusiv fil-konfront ta’ martu u ta’ uliedhom.

Eventwalment, meta fis-sena 1987 bena l-boathouse fl-Armier huwa kien jghamel perijodi hemmhekk wahdu. Fi kliem l-attrici “minflok ma baqa’ d-dar jghinni, telaq mid-dar mhux anqas minn darbtejn, darba ghal gimgha shiha u darba ghal xahar shih – u dana minkejja li kien jaf li jiena kont tqila u kont niehu hsbiex zewgt-it tfal li kellhom dizabilita’ .. [omissis] …ftit wara li gab il-post l-Armier huwa beda ta’ spiss, iqatta’ hinijiet twal u sahansitra granet shah hemmhekk, minghajr ma jikkomunika tieghi jew mat-tfal u minghajr ma jara jekk kellix bzonn xi haga.” [1]

Hija tghid li l-konvenut kien ta’ spiss jghid “l-ewwel jien, it-tieni jien u t-tielet jien.”

L-attrici tilmenta wkoll li “dwar il-flus huwa kien dejjem jahbi minni u qatt ma qalli la kemm jaqla flus u lanqas jekk kienx qed jahdem jew le.”

Illi lment iehor li ghamlet l-attrici fl-affidavit taghha huwa fis-sens li “recentement[2] [il-konvenut] kien qed jiffrekwenta xi mara ohra.” u tidentifika terza persuna b’ ismiha; filwaqt li fl-istess affidavit spjegat il-fatti li fuqhom kienet hija qeda tibbaza s-suspetti taghha f’ dan ir-rigward.

---

[1] Aff. fol.79 *et seq*. [sottolinear tal-Qorti]
[2] L-affidavit sar fis-6 ta’ Marzu 2003

In fine hija sinifikattiva l-osservazzjoni maghmula mill-istess attrici li "llum la jiena u lanqas huwa ma nistghu naraw jew nissaportu lil xulxin."[3]

*Versjoni konvenut*

Illi l-konvenut isostni li "fiz-zwieg tieghi dejjem bqajt inhobb lil marti A u dejjem ittrattajtha ta' regina. Kont nghatiha l-flus [Lm80 fil-gimgha] u nafdaha bihom, kont dejjem dispost u lest nisma' l-problemi xi tghidli, dejjem hadt hsieb it-tfal flimkien maghha u dan nonostante li nsoffri mill-gawt, liema kondizzjoni ili nbati biha mis-sena 1988."[4]

Il-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali bdietu l-mara tieghu fl-4 ta' Awissu 1988 meta kellhom xi jghidu, u "minn hemm 'l hemm kienet dejjem tirrifjuta milli jkollha x' taqsam mieghi. Din is-sitwazzjoni bejnietna saret impossibbli, bi bdiet tweggghani bl-indifferenza taghha." Hija kienet tghidlu li riedet il-liberta'.

Huwa jispjega li minhabba din is-sitwazzjoni "jiena hrigt mid-dar izda ma tlaqtx" u hareg mid-dar fit-8 ta' Settembru 2000 u mar joqghod fil-garage peress li kien mhedded b' 'sikkina mit-tifel Joseph. Ghalhekk huwa kien "kostrett" li johrog mid-dar "u dan fid-dawl tal-fatt illi marti kienet qaltli "biex tidhol hawn [fid-dar] trid tibda thabbat!" Kienet martu li keccietu mid-dar u biddlet ic-cavetta tad-dar matrimonjali.

Illi rigward l-assenza tieghu ghal Precett u Grizma ta' xi whud mit-tfal tieghu, il-konvenut jghid li huwa "ma jattendix Knisja minhabba l-fatt li t-tfal tieghi nhalqu mmankati … jiena nhoss li kont miksur ma' Alla."

Illi rigward il-perijodi li kien jghamel fil-boathouse l-Armier huwa jghid li kien imur hemm granet, izda mhux gimghat, u li l-bieb kien miftuh ghal min irid jigi mill-familja tieghu, izda hadd ma kien imur.

---

[3] Fol.87

[4] Aff. 25 *et seq.*

Il-konvenut cahad l-allegazzjoni li kellu jew ghandu xi relazzjoni extra matrimonjali ma' mara ohra.

Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jerga' jirribadixxi li huwa ghadu "lest li jipprova jinsa' l-passat, jahfer lill-attrici u jirrikoncilja, anke f' dan l-istadju."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti wara ezami rett tal-provi migjuba hija propensa li tghati affidament lill-versjoni attrici u mhux lil dik moghtija mill-konvenut; ghax, nonostante li z-zewg versjonijiet jinsabu konfortati minn xhieda, dik ta' l-attrici hija aktar specifika, dettaljata u aktar verosimili, u di piu' hija konfermata minn ulied il-partijiet li huma l-persuni direttament u personalment milquta' mid-dizgwid familjari bejn il-partijiet.

Fil-fehema tal-Qorti l-versjoni tal-konvenut, in kwantu ghad-dizgwid matrimonjali, hija vaga u nsodisfacenti. Huwa jghid biss li fl-4 ta' Awissu 1988 [u cioe' circa sena wara li bena l-boathouse fl-Armier] l-attrici kienet ggieldet mieghu u ma rieditx jkollha x' taqsam aktar mieghu; u, skond hu, li riedet il-liberta'. Jigi osservat li din il-versjoni hija mankanti fis-sens li ma gietx specifikata r-raguni wara l-komportament ta' l-attrici dak in-nhar, li l-Qorti thoss li kien konsegwenzjali ghall-indifferenza u bruda li l-konvenut kien qed juri fil-konfront taghha u ta' uliedhom.

Huwa minnu li, probabbilment, l-atteggjament tal-konvenut kien dovut ghas-sitwazzjoni u problemi familjari li huwa sab ruhu fihom u li konsegwenzjalment wassluh biex anke "jiksirha ma' Alla", izda dan ma jistax jezonerah mill-obbligu tieghu, legali, jekk mhux morali, that il-ligi civili li jghati l-kontribut shih tieghu kemm bhala konjugi kif ukoll bhala missier. F' dan ir-rigward il-ligi tiddisponi b' mod car li "The spouses shall have equal rights and shall assume equal responsibilities during marriage. They owe each other fidelity and moral and material support." [5] Ukoll "Marriage imposes on both spouses the obligation to look after, maintain, instruct and educate the children of the

[5] Art.2 sub inciz [2] – sottolinear tal-Qorti

marriage..”[6] Minn dan jirrizulta car li mhux permissibbli legalment ghal ebda wiehed mill-konjugi li, affaccjat bi problemi familjari anke kbar, bhal dawk fil-kaz prezenti, li wiehed mill-konjugi jabbanduna r-responsabbiltajiet tieghu.

Mill-provi jirrizulta car li l-konvenut kien abbanduna r-responsabbilitajiet tieghu, kemm bhala konjugi kif ukoll bhala missier, u kien halla l-oneru li s-sitwazzjoni familjari tal-kontendenti timporta, jaqa’ fuq l-attrici li kellha tkampa minghajr l-ghajnuna tal-konvenut li minn naha tieghu kien isib rifugju fil-boathouse li l-koppja ghandha fl-Armier minghajr ma kien jikkomunika maghha jew mat-tfal biex jara kellhiex bzonn xi haga. Dan il-komportament minn naha ta’ konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor u ta’ uliedhom jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16; *multo magis* fil-kaz in disamina meta l-koppja kienet ghaddiet mit-trawma tal-mewt ta’ l-ewwel wild, u mid-diffikultajiet konsegwenzjali tad-dizabilita’ ta’ tnejn minn uliedhom.

Il-Qorti hija tal-fehma li dan in-nuqqas da parti tal-konvenut kien il-kawza li wassal ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Mill-provi jidher li d-dizgwid bejn il-koppja u bejn il-missier u uliedhom kien konsegwenzjali ghal dan il-komportament abusiv da parti tal-konvenut. Minn naha l-ohra din il-Qorti ma ssib xejn x’ ticcensura fil-komportament ta’ l-attrici li, nonostante il-problemi u l-inkwiet kollu li ffaccjat, kompliet trabbi u tghin lil uliedha.

Illi inoltre jigi osservat li l-Qorti tikkunsidera inveritiera ghall-ahhar l-allegazzjoni tal-konvenut li dana kien kostrett jitlaq mid-dar matrimonjali ghax kien jinsab mhedded minn ibnu, meta l-incident li semma l-konvenut kien wiehed isolat u ma tirrizultatx cara l-vera kawza li kienet wasslet lil dan ibnu, li jsofri minn dizabilita’ fisika, li jheddu b’ sikkina. Il-Qorti thoss li dan l-incident issemma mill-konvenut bhala pretest biex jipprova jiggustifika l-komportament illegali tieghu fil-konfront tal-familja tieghu.

[6] Art.3B – sottolinear tal-Qorti

Illi in fine jigu osservat li l-allegazzjoni attrici li l-konvenut kellu relazzjoni extra matrimonjali ma gietx provata, u rrizulta li din kienet tistrih fuq suspetti li zgur ma jwasslux ghal prova sodisfacenti ta' dan l-allegat fatt.  Dan qed jinghad b' risposta ghal dak li ntqal mill-attrici fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha;  u dan apparti mill-fatt li l-adulterju ma kienx wiehed mill-kawzali proposti minnha fic-citazzjoni promotorja.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha, in bazi ghas-sevizzi kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici u ta' uliedhom;  u li konsegwenzjalment iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment.

**Manteniment**

Illi rigward it-talba ghal hlas ta' manteniment ghat-tfal, il-Qorti tosserva li llum it-tfal kollha huma maggjorenni. Inoltre, ghalkemm jirrizulta li tnejn minnhom ghandhom disabilita' fizika, ma jirrizultax provat li dawna ma jistghux jaghmlu xoghol bi qligh.  Ghaldaqstant din il-parti tar-raba talba attrici mhijex gustifikata.

Illi rigward it-talba ghall-hlas ta' manteniment ghall-attrici, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li fit-2 ta' Marzu 2002 il-konvenut, li ghandu s-sengha ta' persuna li jahdem il-mosaic, gie boarded out u beda jirecevi pensjoni ta' l-invalidita' minhabba l-kondizzjoni medika li jsofri minnha. Inoltre, ma jirrizultax provat li dana ghandu xi introitu iehor, kif ukoll li ghandu "hafna flus kontanti" mgemmghin kif qed tallega l-attrici.

Ghaldaqastant *rebus sic stantibus* it-talba ghal hlas ta' manteniment lill-attrici ma tistax tintlaqa';  izda l-Qorti tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob il-hlas ta' manteniment ghaliha minghand il-konvenut, bhala parti sokkombenti fil-kawza odjerna, hekk kif dan jibda jaghmel xoghol bi qligh; f' liema kaz ir-rata ta' manteniment qeda tigi minn issa fissata fl-ammont ta' terz [1/3] ta' dak li l-konvenut talvolta jaqla'.

**Kura u Kustodja**
Illi, stante li l-ulied il-kontendenti illum huma kollha maggjorenni, din il-vertenza tinsab sorvolata.

**Kommunjoni ta' l-akkwisti**
*Konsistenza*
Illi mill-provi jirrizulta li din tikkonsisti fis-segwenti:
[1] id-dar matrimonjali numru 180 Triq il-Bwieraq, Birkirkara valutata Lm50,000;
[2] il-garage numru 156 Triq Frangesco Buhagiar, Birkrikara valutat Lm14,000; u
[3] il-boathouse numru 97 Triq il-Klamari l-Armier valutata Lm30,000[7];
[4] l-ghamara u l-mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali;
[7] depositu bankarju f' isem il-konvenut, mal-Bank of Valletta numru [savings] 134 161 940 18 li skond statements esebiti, mit-8 ta' April 2000 sal-15 ta' April 2003 saru diversi transazzjonijiet u fl-ahhar data juri bilanc ta' Lm12.33;[8]
[6] qabar;
[7] van;

Jigi osservat li l-provi dwar il-assi mobbli pertinenti lill-kommunjoni ta' l-akkwisti huma skarsi. Inoltre, rigward l-allegazzjoni attrici li l-konvenut ghandu hafna flus kontanti, din mhijex sostnuta minn provi sodisfacenti.

**Assenjazzjoni**
Illi din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa hati tas-separazzjoni personali, kif ukoll tenut kont tas-sitwazzjoni ta' l-attrici, kif ukoll tal-fatt li, rebus sic stantibus, l-attrici mhux ser tiehu manteniment minghand il-konvenut; il-Qorti tikkunsidera ekwa u gusta l-assenzjoni segwenti, u ghalhekk tordna li:

[a] jigu assenjati lill-attrici sehem il-konvenut mid-dar 180 Triq il-Bwieraq, Birkirkara u l-mobbli kollha [ghamara u effetti ohra, eskluza l-gizirina tad-deheb li semma' l-konvenut fin-not guramentata tieghu] ezistenti fl-istess

[7] Ghalkemm jirrizulta li din il-boathouse hija mibnija illegalment, izda ghandha servizzi ta' dawl u ilma.
[8] Fol.65 *et seq.*

dar; biex b' hekk dawn l-assi qedin jigu assenjati lill-attrici in piena proprjeta'; u inoltre l-imsemmija dar ma tibqax kunsidrata bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

[b] jigu assenjati lill-konvenut sehem l-attrici mill-boathouse numru 97 Triq il-Klamari Armier; kif ukoll sehemha mill-garage 156 Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara; sehemha mill-van u mill-qabar u sehemha mill-flus depositati fil-kont bankarju fuq indikat; b' mod li dawn l-assi jghaddu in piena proprjeta' lill-konvenut;

Illi l-gizirana tad-deheb fuq indikata ghandha tigi konsenjata mill-attrici lill-konvenut malli dan il-gudizzju jsir gudikat.

Illi rigward il-passiv tal-kommunjoni, il-Qorti tosserva li gie allegat mill-konvenut li l-partijiet kienu selfu lil binthom Shirley is-somma ta' Lm6,000. Ghalkemm ma gewx prodotti provi konkreti f' dan ir-rigward, izda minn naha l-ohra, din l-allegazzjoni ma gietx kontraddett la mill-attrici u lanqas mill-istess Shirley. Ghaldaqstant il-Qorti ser tiddecidi in propositu billi dan id-dejn, jekk jigi reklamat mill-imsemmija Shirley, li llum il-gurnata hija maggjorenni, u tigi stabbilta l-ezistenza tieghu, ghandhu jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti wgwali bejniethom.

Illi in fine, rigward l-ewwel u t-tieni eccezzjoni, il-Qorti tosserva li dawn gew sorvolati fil-mori tal-process, in kwantu fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2002 il-konvenut tramite l-Avukat tieghu ta' ruhu notifikat fl-atti tal-kawza; u in oltre, id-dikjarazzjoni ta' l-attrici tinsab guramentata fl-istess data tal-prezentati ta' l-att tac-citazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa c-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u dan b' effett millum;

[2] tilqa' it-tieni talba, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' zewgha l-konvenut;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;

[4] tilqa' ir-raba talba limitatament skond kif dispost fil-paragrafu intestat "Manteniment";

[5] tilqa' il-hames talba limitatament billi tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-paragrafu [d] tas-sub inciz [1] ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16;

[6] tilqa' s-sitt talba u tordna x-xoljiment tal-kommunjoni ta' l-akkwisti mill-lum, tillikwidaha u tordna li ssir l-assenjazzjoni lill-partijiet skond kif dispost fil-paragrafu intestat "Kommunjoni ta' l-akkwisti";

[7] tichad is-seba talba, stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;

[8] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba, tenut kont ta' l-assi li gew assenjati lill-attrici;

[9] tilqa' d-disa' talba;

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, hlief dawk relattivi ghat-talba numru seba [7] li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------